# Sawl ta' Tarsu

FOST ir-rebħiet ta' qawwa ebda waħda mhi aqwa mir-rebħa ta' min irażżan il-għadu billi jdawwallu moħħu, isaffilu qalbu, u waqt li jħallih ħieles, minn għadu jibdlu f'ħabib : ħabib tal-qalb li jkun imħejji jċarċar sa lanqas qatra demm għal dak li qabel ikun bagħad u bagħdu għall-mewt.

Ir-rebbieħa ta' artijiet ma jistgħux jagħmlu ħaġ'oħra ħlief jegħelbu l-għadu, iħarbtulu blietu u jsaltnu fuqu mingħajr ma b'daqshekk ibiddlulu ħsebijietu u xewqatu, bla ma jfarrku r-rieda tiegħu ħielsa, għaliex jekk f'qiegħ qalbu jkun irid jibqa' għadu, għadu jibqa'.

Kbar kienu r-rebħat ta' bosta qalbiena li isimhom huwa mniżżel fil-ktieb ta' ġrajjiet il-bnedmin, iżda akbar, wisq akbar kienet ir-rebħa ta' Ġesù Kristu li rebaħ il-bnedmin bla ma silet is-sejf, u saltan fi ħsebijiethom, f'xewqathom u f'għamilhom. U riedu jew ma ridux, il-ġnus ħteġilhom jistqarru li l-Galilew rebaħ. Riedu jew ma ridux, il-ġnus raw il-kbar ta' l-art igħibu, imutu u jintesew waqt li l-Imsallab baqa' jsaltan ma' tul il-medda twila taż-żmenijiet.

Ġesù Kristu ma kienx xandâr ta' tagħlim li jħajjar ġibdiet il-ġisem, iżda xandâr ta' tagħlim li jgħakkes dawn il-ġibdiet, u hedded bin-nar ta' dejjem lil dawk li ma jrażżnux ġibdiethom ħżiena. B'danakollu Ġesù Kristu rebaħ, u r-rebħa tiegħu deh-ret meta tfajliet bħal Ċeċilja, Anjeż u Agata mietu biex iħarsu s-safa' ta' ruħhom u ġisimhom. Ġesù Kristu ma ħeġġiġx lill-bnedmin biex jitħallsu mill-għedewwa, iżda tana t-tagħlim iebes li ħadd ma jista' jaqla' maħfret dnubietu jekk ma jkunx ħafer lil min ħata għalih, u ħafirlu minn qiegħ qalbu. B'danakollu Ġesù Kristu rebaħ, u r-rebħa tiegħu dwiet meta mijiet u mijiet ta' nisa u rġiel, minn Injazju ta' Ruma sa Marija Goretti, mietu jsellmu, igħannqu u jbusu l-qattiela tagħhom. Ġesù Kristu ma qalx "henjin il-għonja, henjin id-daħkana", iżda "henjin il-fqajrin, henjin dawk li jibku". B'danakollu Ġesù Kristu rebaħ, u r-rebħa tiegħu tfissret minn għadd bla tarf ta' Wemmiena li ħallew il-għana ta' nieshom, kasbru ġidhom u sfaw qaddejja tal-qaddejja ta' l-Imsallab.

Ġesù Kristu rebaħ. U r-rebħa tiegħu tilma fil-kobor kollu tagħha, jekk jitqies li kull min mar warajh, kull min qagħad għal tagħlimu, mar u qagħad minn rajh. Ġesù Kristu rebaħ il-bned-

min mhux bix-xafra tas-sejf, iżda billi, bla ma qerdilhom ħelsien ir-rieda, taħom il-grazzja, u b'saħħet il-grazzja, il-bnedmin għarfuh u ħabbewh.

Minn mindu l-Golgota tħammret bid-demm, ir-rebħiet tal-Galilew kienu kbar u bla ma jaqtgħu, iżda ebda rebħa ma għaddiet lil dik li Ġesù Kristu għamel fit-triq li minn Ġerusalemm tieħu għal Damasku, meta waqqa' fl-art u ġarraf bil-qawwa lil Sawl ta' Tarsu u f'nifs minn dib bidlu f'ħaruf. F'ebda rebħa oħra kobor l-Imsallab ma deher hekk fil-milja tiegħu bħalma deher fir-rebħa ta' triq Damasku meta dawwal dehen Sawl ta' Tarsu, u rebaħlu qalbu, u minn l-eqqel għadu ta' l-Insara bidlu fl-aqwa mgħallem tal-Knisja. U biex wieħed jifhem kemm kienet kbira din ir-rebħa ta' l-Imsallab, jiħtieġlu jifhem min kien Sawl ta' Tarsu, kemm kienu sħaħ fehmietu u żonqrija r-rieda.

Sawl kien Lhudi bin il-Lhud, minn ġidd Benjamin, iżda ċittadin Ruman, għaliex twieled f'Tarsu, belt ewlenija tal-Provinċja Rumana taċ-Ċiliċja (1). U bħala ċittadin Ruman, barra l-isem Lhudi Sawl, kellu ieħor Ruman: Paulus.

* * *

Sawl kien Lhudi li jagħraf, jifhem u jħoss x'ifisser tkun Lhudi bin il-Lhud. Tkun Lhudi jfisser tkun mill-ġens li Alla għażel fost il-ġnus kollha ta' l-art. Tkun Lhudi jfisser li għandek toqgħod għal-liġi tal-Mulej mogħtija lil Mosè. Tkun Lhudi jfisser li għandek tqim il-qsusija ta' Aron u nislu, u ma tagħrafx qsusija oħra. Tkun Lhudi jfisser li għandu jkollok ħeġġa kbira lejn maqdes il-Mulej f'Ġerusalemm. Tkun Lhudi jfisser fl-aħħarnett li għandek tagħraf Alla wieħed u ma jkollokx Alla ieħor għajru. U temmen f'Alla bħalma emmnu Abraham u Sara, f'isem Alla tissielet bħalma ssieltu Ġedeon u Barak, u għal imħabbet Alla tbati, tiġġarrab, u jekk ikun meħtieġ tmut bħalma mietu Eleazzar u l-Makkabin.

Dawk kienu l-fehmiet ta' dak Sawl li baqa' jiftaħar, ma' tul ħajtu kollha, li kien Lhudi bin il-Lhud. Din kienet trobbitu fi ħdan niesu. U biex jissokta jissaħħaħ f'dawn il-fehmiet u f'din it-trobbija, Sawl ġie mibgħut Ġerusalemm, sabiex għaddell ta' maqdes il-Mulej jiġi mħarreġ sewwa fil-liġi ta' Mosè u fid-drawwiet Lhudin, taħt it-tmexxija tal-kbir u meqjum Gamaljel (2). U Sawl ġie mħarreġ hekk tajjeb fil-liġi ta' Mosè u fi

(1) Atti, XXI, 39; XXII, 3. 25-29; Filip., III, 5-6.
(2) Atti, XXII, 3; XXVI, 4.

drawwiet il-Lhud li sata' jiftaħar li fid-din Lhudi għadda 'l quddiem aktar minn ħafna Lhud oħra daqsu, u fih kienet kbira l-ġibda lejn drawwiet misserijietu (3).

Ma satax jonqos li Sawl igħaddi lil sħabu f'tagħlim il-liġi ta' Mosè, għaliex il-Lhudi ta' Tarsu taċ-Ċiliċja kien

ta' deh'n li bħalu
qatt f'wild ta' mara
ma kien hawn qabel,
w inqas ġie wara (4).

Ma satax jonqos li Sawl ikun imħejji biex jissielet u jċarċar demmu sa l-anqas qatra għall-liġi t'Alla mxandra minn Mosè, għaliex f'demm il-Lhudi bin il-Lhud kien jiġri demm il-qalbenin, demm ulied Benjamin (5). U dan hu hekk minnu li ħsebijietu ma kienx ifissirhom bi xbihat meħudin mill-għelieqi u mill-għelejjel tagħhom, iżda mil-kisi ta' l-azzar u s-sarâr ta' l-atleti (6).

Sawl kien imħarreġ sewwa fil-kitba mqaddsa u sata' jagħraf u jifhem li Ġesù Kristu, imwieled f'Betlem u msallab fuq il-Kalvarju, kien l-imwiegħed lil Abraham u 'l Ġakobb, l-imħabbar lil David u 'l Iżaija, u l-mixtieq mill-Lhud; iżda ma għarafx it-twettiq ta' wegħdiet Alla, u ma għarafx il-Messija (7). Bħal-Lhud kollha, Sawl il-Messija stennieh u xtaqu ħellies il-Lhud minn ħakmet il-barranin, u mhux imsawwat u mżeblaħ, għalkemm imsawwat u mżeblaħ ħabbruh David u Iżaija.

U għalhekk il-Lhudi bin il-Lhud saħan meta qalulu li wħud minn ġensu kienu qegħdin iqimu bniedem imgħolli fuq salib, bniedem milqut mill-qilla tal-Mulej. Sawl baqbaq bil-għadab hekk kif sar jaf li wħud mill-Lhud qalu li ntemm żmien il-liġi ta' Alla mxandra minn Mosè. Sawl far bil-qilla meta sama' Lhud igħidu li kulħadd jista' jkollu jedd għas-sema jekk jitgħammed f'isem l-Imsallab, jekk iħobb l-Imsallab u joqgħod għal twissijietu. U mfawwar bil-qilla

ħalef li jeqred
kemm fil-Lhudija
id-Din ta' Ġensħom

(3) Gal., I, 14.
(4) Ġ. Muscat Azzopardi, "Sawl ta' Tarsu".
(5) Ġen., XLIX, 27.
(6) I Kor., IX, 24; Efes., VI, 17; I Tess., V, 8.
(7) Atti, XXVI, 9; I Tim., I, 13.

ċaħdu u ħallew,
biex jagħtu qima
lill-Galilew...... (8).

Il-mibegħda ta' Sawl lejn l-Insara ma kinetx imnissla minn qalb ħażina, għaliex Sawl, għalkemm qawwi żonqor u sħiħ azzar, kellu qalb ta' omm. Il-mibegħda ta' Sawl lejn l-Insara ma kinetx bħal ta' l-egħdewwa li f'kull żmien bikkew il-Knisja għaliex ma felħux għas-safa' ta' tagħlim l-Imsallab. Il-mibegħda ta' Sawl lejn l-Insara kienet mibegħda lejn dak li kien jidhirlu dnub ta' dawk il-Lhud li minn għalih ċaħdu 'l Alla, kisru l-liġi ta' Mosè, u kasbru i-qsusija ta' wiied Aron. Il-mibegħda ta' Sawl lejn l-Insara kienet imnissla minn dalma fil-moħħ, iżda mkebbsa mill-ħrara lejn il-liġi ta' Mosè.

U d-dalma f'moħħ Sawl, u ġibdietu lejn il-liġi ta' Mosè dehru quddiem kulħadd fi qtil id-djaknu Stiefnu.

Fil-liġi ta' Mosè hemm miktub li kull raġel jew mara mill-Lhud li jiksru l-għaqda m'Alla u jqimu allat oħra barra minn Alla ta' Israel għandhom jitħaġġru (9). U Sawl, li minn għalih Ġesù Kristu mhux Alla, mixgħul bi mħabbet il-liġi ta' Mosè, qagħad għassa mal-ħwejjeġ ta' dawk li ħaġġru d-djaknu Stiefnu (10). Sawl qagħad għassa mal-ħwejjeġ tal-ħaġġâra biex iwettaq b'għamilu l-liġi ta' Mosè.

U wara mewt id-djaknu, Sawl ma qagħadx għażżien. Fih ma naqsetx il-ħrara lejn il-liġi ta' Mosè. Hu kien jidħol fid-djar, ikarkar irġiel u nisa Nsara 'l barra, u jiftagħhom il-ħabs. U biex jeqred mill-għeruq il-Knisja ta' l-Imsallab, Sawl deher quddiem il-qassis il-kbir f'Ġerusalemm u talbu jagħtih bil-kitba s-setgħa li jġorr marbutin lejn Ġerusalemm kemm Lhud emmnu f'Ġesù Kristu (11).

Kbarat il-Lhud minn għalihom kienu minn fuq ir-riħ meta Sawl

.....imgħaddab,
ġamar ħaddejh,
bil-qilla mfawwar
sa xfar għajnejh (12),

(8) G. Muscat Azzopardi, "Sawl ta' Tarsu".
(9) Dewt., XVII, 7.
(10) Atti, VII, 58.
(11) Atti. XVIII, 3; IX, 1-2.
(12) G. Muscat Azzopardi, "Sawl ta' Tarsu".

telaq lejn Damasku għall-qirda ta' l-Insara, għaliex Sawl kien jifhem li l-Lhud Insara kienu dagħajja u għedewwa tal-liġi ta' Mosè, u għalhekk kien iħoss li l-qirda tagħhom hija dmir imqaddes tiegħu (13). U Sawl kien żagħżugħ ma jaqta' qalbu minn xejn, ma jitwerwer minn imkien, ma jibża' minn ħadd biex iħares jeddijiet il-Mulej. Sawl kien blata, sur, fortizza li qawwet il-bniedem ma ġġarrafx, ma tirbaħx u ma taħkemx. B'Sawl Alla wera kobor il-qawwa u fisser l-ogħla ħila.

Biex Sawl jinbidel kien meħtieġ dawl mis-sema sabiex fih jagħraf li l-Imsallab kien l-imwiegħed fil-ġenna ta' l-art, l-imħabbar minn Ġakobb, il-mistenni minn David. Biex Sawl jinbidel kien meħtieġ dawl mis-sema ħalli fih jagħraf li l-Lhud Insara ma kinux dagħajja, għaliex l-Imsallab kien tassew il-Messija mnissel minn David, u mħabbar minn Iżaija bħala Alla l-Qawwi u l-bniedem tat-tbatijiet. Biex Sawl jinbidel kien meħtieġ dawl mis-sema sabiex fih jagħraf li Ġesù Kristu kien Alla bin Alla, Alla ħaj bin Alla ħaj.

U mad-dawl mis-sema kien jiħtieġ leħen il-Mulej ħalli Sawl jifhem li Ġesù Kristu, mislub bejn żewġ ħallelin fuq il-Golgota, qam mill-mewt rebbieħ.

U d-dawl deher. U l-leħen instama'. Feġġ id-dawl fit-triq li minn Ġerusalemm tieħu għal Damasku, u xeħet lil Sawl fl-art bil-qawwa tal-milja tiegħu. U nstama' l-leħen ilissen bilħlewwa fil-kobor ta' dik id-dehra: Sawl! Sawl! Għaliex qiegħed taħqarni? U fid-dija li dawret lil dehnu, fil-leħen li qanqal lil qalbu, Sawl wieġeb: Min int, Mulej? U tenna l-leħen: Jiena Ġesù li inti qiegħed taħqar (14).

Fid-dija li feġġet minn għoli s-smewwiet, fil-leħen li nstama' hekk qawwi, il-Lhudi bin il-Lhud, mixgħul bi mħabbet Alla u bi mħabbet il-liġi ta' Mosè, għaraf li Ġesù Kristu maqtul mill-Lhud qam mill-mewt. Fehem li Ġesù Kristu kien tassew bniedem Alla li miet mislub għall-fidwa tal-bnedmin mid-dnub. Intebaħ li Ġesù Kristu kien tassew il-Messija, għaliex fih twettaq dak kollu li kienu qalu l-ħabbâra mnebbħin minn Alla. U għalhekk Sawl tgħallem li l-Lhudi li jmur wara Ġesù Kristu u joqgħod għal twissijietu ma jkunx qiegħed jiċħad il-kitba ta' Mosè u tal-ħabbâra Lhudin, iżda jkun qiegħed iniżżel rasu għall-

(13) Atti, XXVI, 9.
(14) Atti, IX, 3-5.

kitba mqaddsa. Sawl tgħallem li n-Nisrani ma jiċħadx 'l Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Ġakobb.

Emmen fl-Imsallab u ħabbu. Tnassar u tgħammed f'isem Ġesù Kristu (15). Moħħ il-għadu ddawwal, qalb il-għadu ssaffiet. Ġesù Kristu rebaħ.

U r-rebħa ta' Ġesù Kristu ħalliet lil Sawl ħieles fir-rieda.

* * *

Alla ħalaq il-bniedem b'rajh f'idejh, u għalhekk Alla mhux biss hu sid il-bniedem, iżda hu wkoll sid ta' ħelsien ir-rieda talbniedem. U la Alla hu sid ta' ħelsien ir-rieda jista' jġiegħel li l-bniedem joqgħod minn rajh għal dak kollu li Hu jrid minnu, mingħajr ma jintmess jew jitnaqqas ħelsien ir-rieda u mingħajr ma l-bniedem jiġġiegħel irid dak li ma jixtieqx.

U Alla ried jibdel lil Sawl minn għadu f'ħabib u riedu jkun l-aqwa xandâr ta' tagħlim l-Imsallab, u għalhekk tah il-grazzja meħtieġa. U b'saħħet il-grazzja t'Alla, Sawl ma satax ma jridx minn rajh jinbidel f'ħabib ta' l-Imsallab u fl-aqwa xandâr ta' twissijietu (16).

Il-grazzja t'Alla mogħtija lil Sawl fi triq Damasku, għalkemm aqwa mir-rwiefen li qaċċtu t-tron tal-Liban, u eqqel mir-rwiefen li heżhżu x-xagħri ta' Kades (17), ħalliet lil Sawl ħieles fir-rieda tiegħu. Sawl minn rajh inbidel f'Nisrani.

U Ġesù Kristu għamel l-akbar u l-aqwa rebħa fost ir-rebħiet kbar ta' tul iż-żmenijiet Insara kollha.

P. Pawl Galea, O.P.